MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Numru. 370/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**

**vs**

**Manuel Cachia**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Manuel Cachia ta’ 27 sena iben John u Mary nee’ Demicoli imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Dicembru 1980 residenti numru 13, Triq Biccieni, Zabbar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 8081 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fis-16 ta’ Gunju 2006, ghall-habta ta’ l-10 :30a.m, gewwa l-Benbuy Mini Market fi Triq il-Munxar Marsascala, flimkien ma’ persuna ohra mhux maghrufa :

1. Ikkommmetta serq ta’ flus kontanti u mobile phone top-up vouchers, liema serq hu aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin Euro centezmi (E2329.37), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Benny Gatt u/jew persuni ohra ;

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta’ l-awtorita’ kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Benny Gatt kontra l-volonta’ tieghu ;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq, kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari ;

U akkuzat ukoll talli fit-13 ta’ Gunju 2006, ghall-habta ta’ l-10 a.m. minn Triq Hompesch, Fgura ;

4. Ikkommetta serq ta’ karozza Peugeot 106, numru ta’ registrazzjoni LCA 648, liema serq hu aggravat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmi (E2329.37), ekwivalenti ghall-elf lira Maltin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment ta’ Giuseppe Sultana u/jew ta’ persuni ohra ;

Iktar, akkuzat ukoll talli fl-20 ta’ Gunju, 2006, u/jew fil-jiem ta’ qabel, f’ dawn il-Gzejjer :

5. Xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u

6. Finalment, talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta’ l-Artikli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 29 t' April 2009 (esebita a fol. 295 tal-process) fejn huwa deherlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikoli 261(a)(b)(c), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 276, 277(b), 278, 279(a) u 280(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 86 u 87(1)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 55(a), 56, 57, 60 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 261(c)(g), 267, 271(g), 279(b), 280(1) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-artikoli 49, 50, 51 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-artikolu 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tal-14 ta' Lulju 2010, l-imputat iddikjara li m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw hold-up li sar mill-Ben Buy Mini-Market li jinsab fi Triq il-Munxar, Marsascala fis-16 ta' Gunju 2006 ghall-habta tal-10.30am fejn zewgt irgiel mghamdin dahlu fl-imsemmi hanut armati b'senter isserrat bil-kanna u pistola griza fejn huma talbu lill-propjetarju Benny Gatt sabiex jaghtihom il-flus. Mill-provi

rrizulta li huma hadu madwar Lm100 mill-cash register u xi top-up vouchers tal-Go u tal-Vodafone li kienu jiswew kumplessivament madwar Lm380 u li huma hargu minn fuq il-post u li wara li hargu intlemhet vettura tal-ghamla Peugeot ta’ kulur abjad u bin-numru tar-registrazzjoni LCA 648, titlaq minn fuq il-post bis-sahha. Wara rrizulta li din il-vettura kienet insterqet mill-Fgura tlett ijiem qabel. Mix-xhieda tal-Ufficjal Investigattiv u Prosekutur f’dan il-kaz, l-Ispettur Joseph Mercieca[1] jirrizulta li l-propjetarju tal-hanut ma kienx f’posizzjoni ndika s-serial numbers tat-top-up vouchers li kienu nsterqu izda sussegwentement huwa ghadda informazzjoni dwar serial number ta’ top-up voucher li kien inxtara dakinhar stess tas-serqa filghodu minn certu Irene Dylan liema top-up voucher kien tal-kumpanija Go Mobile (Mobile Communications Limited) u kellu s-serial number 1494200340008. Abbazi ta’ din l-informazzjoni l-Pulizija kienet ghamlet talba lil Mobile Communications Limited sabiex tinghata d-dettalji dwar l-uzu ta’ top-up vouchers li kellhom serial numbers vicin ghal dan tal-ahhar. Din l-informazzjoni giet mghoddija lil Pulizija[2] fejn fost is-subscribers kien hemm zewg numri partikolari li ntuzaw top-up vouchers fuqhom b’serial numbers vicin ghal dawk ta’ Irene Dylan liema numri kienu 79915251 u 79929264. Dawn iz-zewg numri bit-top-up vouchers in dizamina kienu gew attivati madwar erbat ijiem wara s-16 ta’ Gunju 2006 u minn investigazzjonijiet ulterjuri li ghamlet il-Pulizija rnexxilha tistabilixxi li n-numru 79929264 kien jappartjeni lil certu Brian Vella ghalkemm ma kienx registrat f’ismu u n-numru 79915251 kien jappartjeni lil certu Kevin Vella. Mix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca jirrizulta li meta dawn it-tnejn min-nies gew interrogati mill-Pulizija huma qalu li kienu xtraw it-top up vouchers minghand l-imputat Manuel Cachia li gieli kien imur il-garaxx taghhom u rrizulta wkoll li dawn tressqu l-Qorti b’akkuzi ta’ ricettazzjoni in konnesjoni ma top-up vouchers misruqin fejn ammettew l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom. Brian Vella xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-6 ta’ Ottubru 2008 fejn qal li huwa kien jaf lill-imputat ghaliex kien minn Haz-Zabbar u

[1] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a fol. 23 sa 29 tal-atti processwali.
[2] Ara dokumenti a fol. 35 sa 57 u ara x-xhieda ta’ Anthony Bonnici ir-rapprezentant ta’ Mobile Communications Limited maghrufa bhala Go Mobile a fol. 84 u 85 tal-process.

kkonferma li fil-bidu tas-sena 2007 l-Pulizija kienu kelmuh dwar xi top-up vouchers izda qal li ma jiftakarx x'kien qal lil Pulizija u qal ukoll li huwa jixtri hafna top-up vouchers minghand diversi nies. Meta rega' xehed waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru 2008 Brian Vella qal li jidhirlu li kien xtara top-up voucher minghand l-imputat u li kien ghamel dan f'okkazzjoni wahda biss u li jiftakar li l-Pulizija kienu kelmuh dwar dan it-top-up voucher. Huwa jghid li ma jiftakarx kemm dam sabiex uza dan it-top-up voucher wara li xtrah minghand l-imputat. Huwa qal ukoll li jista' jkun li n-numru 79929264 kien tieghu izda qal ukoll li huwa ta' spiss kien jibdel in-numru tal-mobile. Kevin Vella li wkoll xehed waqt l-udjenza tal-21 ta' Novembru 2008 fejn qal li jista' jkun li xtara xi top-up vouchers minghand l-imputat izda qal li huwa jixtri top-up vouchers minghand hafna nies. Huwa qal li kien minnu li kien tressaq il-Qorti u nstab hati li kellu fil-pussess tieghu top-up vouchers misruqin izda ma jiftakarx minghand min kien xtara dawn it-top-up vouchers. Huwa gie dikjarat bhala xhud ostilli u nqratlu l-istqarrija li kien irrilaxxja fit-30 ta' Lulju 2007 fejn huwa kien ikkonferma li kien xtara zewg top-up vouchers minghand l-imputat bejn l-20 u t-22 ta' Gunju 2006 izda qal ukoll li ma jiftakarx jekk uzax dawn it-top-up vouchers fin-numru tieghu  79915251. Wara li nqratlu l-istqarrijia u kkonferma li huwa kien qal dan il-kliem lil Pulizjia huwa qal ukoll li n-numru appena citat ma kienx tieghu u spjega inoltre li xi ftit wara li rrilaxxja l-istqarrija kien cempel lill-Ispettur Mercieca fejn tkellem mas-Surgent tieghu sabiex jinfurmah li dan in-numru ma kienx tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab addebitat b'diversi imputazzjonijiet ilkoll konnessi mal-hold–up li sehh fil-Ben Buy Mini Market li sehh fis-16 ta' Gunju 2006 fejn permezz tal-ewwel imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat bis-serq aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-mezz, permezz tat-tieni imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat bl-arrest illegali ta' Benny Gatt il-propjetarju tal-Ben Buy Mini Market, permezz tat-tielet imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat li uza arma regolari waqt li kien qed jikkommetti reat, permezz tar-raba' imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat

bis-serq tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LCA 648 (il-vettura li allegatament intuzat fil-hold-up), permezz tal-hames imputazzjoni huwa qed jigi akkuzat bir-ricettazzjoni, filwaqt li permezz tas-sitt imputazzjoni huwa qed jinghata l-addebitu tar-recidiva.

Illi l-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f’dan il-kaz jidrilha li bl-ebda mod ma jista’ jitqies li l-istess Prosekuzzjoni rnexxilha tressaq provi sal-grad rikjest mill-ligi li jindikaw li l-imputat kien wiehed miz-zewg persuni li kkommettew il-hold-up fil-Ben Buy Mini Market li sehh fis-16 ta’ Gunju 2006. Hadd mix-xhieda okulari ma identifika lill-imputat bhala wiehed miz-zewg malviventi. Huwa minnu li Benny Gatt il-propjetarju tal-Mini Market li xehed f’dawn il-proceduri fi tlett okkazzjonjiet kemm meta tkellem mal-Pulizija fil-kors tal-investigazzjonijiet kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri indika li wiehed mill-malviventi kellu ghajnejh zoroq u l-Qorti setghat tikkonstata li l-imputat fil-kaz odjern fil-fatt ghandu ghajnejh zoroq, izda fil-fehma tal-Qorti din il-prova wahidha ma tistghax titqies bhala prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien wiehed mill-malviventi li wettqu l-hold-up tas-16 ta‘ Gunju 2006. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-ewwel erba’ imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu jirrigwarda l-hames imputazzjoni, u cioe’ dik ta’ ricettazzjoni l-Prosekuzzjoni tirritjeni li mix-xhieda ta’ Brian u Kevin Vella u mill-informazzjoni provduta mill-Mobile Communications Limited jirrizulta pruvat li ftit jiem wara li sehh il-hold-up tas-16 ta’ Gunju 2006 l-imputat kien fil-pussess tat-top-up vouchers li nsterqu mil-Ben Buy Mini Market ghaliex huwa bieghhom lill-ahwa Vella. Il-Qorti wara li qrat ghal darba darbtejn ix-xhieda moghtija mill-ahwa Brian u Kevin Vella, li xehdu quddiemha viva voce, u wara li ezaminat id-dokumenti prodotti minn Mobile Communications kif ukoll il-provi l-ohra migjuba mill-Prosekuzzjoni jidrilha li jezistu dubji jekk effettivament it-top-up vouchers li l-ahwa Vella jghidu li xtraw minghand l-imputat kienux l-istess top-up vouchers li nsterqu mill-Ben

Buy Supermarket. Jibda sabiex jinghad li l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova dwar is-serial numbers tal-vouchers li nsterqu stante li l-propjetarju Benny Gatt qatt ma produca l-ircevuta bis-serial numbers tat-top-up vouchers li huwa xtara minghand il-Go Mobile. Inoltre ma ngabitx il-prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-linji cellulari bin-numri 79915251 u 79929264 kienu jappartjenu li Brian u lil Kevin Vella. Dawn tal-ahhar meta xehdu f'dawn il-proceduri qatt ma kkonfermaw li kienu uzaw it-top-up vouchers li xtraw minghand l-imputat fuq l-imsemmija linji u qatt ma kkonfermaw b'certezza li l-istess linji kienu jappartjenu lilhom. Irid inoltre jigi rilevat li meta l-Go Mobile ghaddiet l-informazzjoni lil Pulizija gie specifikat is-segwenti:-

***'Please note that any information on the user registration details that go mobile has acquired on a prepaid number is informal and may be unreliable. Please note that prepaid subscribers have not signed a formal registration contract with go mobile.'***

Tenut kont ta' dawn id-dubji l-Qorti jidrilha li l-hames imputazzjoni ma tistghax titqies li giet pruvata lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni u ghalhekk ma tistghax tinstab htija abbazi ta' dawn il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------